MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2012

Appell Civili - Ghawdex Numru. 29/2004/3

Joe Cauchi Development Limited u l-Avukat Dottor Carmelo Galea

vs

Reġistratur tal-Qorti, u għal kull interess li jista' jkollhom, Bruce u Akiko Zeitlin

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fis-17 ta’ Gunju 2011 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Inferjuri, ippronunzat is-segwenti d-decizjoni fl-ismijiet premessi: -

*“Il-Qorti,*

*Rat ir-Rikors li permezz tiegħu s-soċjeta ndikata u l-avukat Galea talbuha tordna lill-intimat Reġistratur tal-Qorti tintaxxa d-dritt spettanti lill-avukat Galea għall-kawża fl-ismijiet:* ***"Joe Cauchi Development Limited vs Bruce Zeitlin et."*** *deċiża minn din il-Qorti fl-12 ta' Frar 2010, fit-termini tal-paragrafu 13 tat-Tariffa E tal-Kap. 12 u mhux kif attwalment inħadmet.*

*Għal din it-talba l-intimati Bruce u Akiko konjuġi Zeitlin eċċeppew preliminarjament l-inkompetenza ta' din il-Qorti ratione valoris. Din l-eċċezzjoni ġiet deċiża bid-deċiżjoni preliminari tagħha tad-19 ta' Novembru 2010. Fil-mertu eċċepew illi t-taxxa kontestata ġiet maħduma korrettement, u li r-rikorrenti qegħdin sempliċement jittentaw jisfruttaw żball evidenti ta' l-istampa li sar meta kien hemm il-konverżjoni mill-munita maltija għall-euro.*

*Rat il-verbal ta' l-avukat Dottor Carmelo Galea tat-8 ta' April 2011 fejn irtira l-ewwel talba kif magħmula fir-raba' paragrafu tar-Rikors odjern.*

*Semgħet ix-xhieda tad-deputat Reġistratur Anton Mizzi.*

*Semgħet it-ttrattazzjoni tad-difensuri rispettivi.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi din hija proċedura taħt l-artikolu 64 tal-Kap. 12. L-ewwel talba tar-rikorrenti preżenti ġiet irtirata fil-mori tas-smiegħ ta' dan ir-Rikors. Permezz tat-tieni talba tagħhom ir-rikorrenti qed jallegaw li t-taxxa tad-drittijiet tal-legali tas-soċjeta' attriċi fil-kawża fuq imsemmija inħadmet ħażin u għalhekk qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex tordna lill-intimata Reġistratur tal-Qorti terġa' taħdem din it-taxxa bil-mod stipulat fil-liġi. Infatti jippretendu illi r-Reġistratur kellha taħdem din it-taxxa bil-mod stabilit fil-paragrafu 13 tat-Tariffa E fl-iskeda A annessa mal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) li tirregola d-"****drittijiet li jitħallsu lil-Avukati, Prokuraturi legali u Kuraturi ex officio****" u mhux kif attwalment inħadmet.*

*Id-deputat Reġistratur Anton Mizzi spjega fid-depożizzjoni tiegħu illi minn kemm ilha li saret il-konverzjoni ta' dawn it-tariffi mill-munita maltija għall-euro in konsiderazzjoni tad-dħul ta' pajjiżna fiż-"żona euro", id-drittijiet ta' l-avukati baqgħu jiġu intaxxati bl-istess rata stabilita qabel ma saret din il-konverzjoni, billi l-intenzjoni tal-gvern kienet semplicment li ssir tali konverzjoni u mhux li jkun hemm xi awment fit-tariffi .*

*Jirriżulta minnu illi fit-tariffa l-ġdida kif ippubblikata permezz ta' l-Avviż Legali 407 tas-sena 2007, jidher* *<u>apparentement</u>* *li kien hemm xi awment f'dawn it-tariffi, billi l-figuri "Lm100" fil-paragrafu 13 (ii) ta' din it-tariffa ġew mibdula għal "Eur100". Imma  kif wieħed jista' jara minn qari tal-paragrafi  l-ohra ta' l-istess tariffa, kif ukoll l-artikoli l-oħra f'dan l-Avviż Legali, l-eżerċizzju li kien sar f'dik l-okkażżjoni kien sempliċement li l-munita maltija tiġi konvertita f'euro mingħajr ma jkun hemm ebda żieda fit-tariffa dovuta. Il-Qorti taqbel ma' dak li qal is-sur Mizzi li din kienet tassew l-intenzjoni tal-leġislatur, u li kien sar żball f'dan il-paragrafu u dak sussegwenti meta naqas li jikkonverti kif suppost il-mitt lira maltija fil-valuta korretta f'munita euro, u bidel biss il-figuri "Lm" fil-figura ta' l-euro. Mhux ġust għal min għandu jħallas dawn id-drittijiet, li jiġi kostrett jagħmel tajjeb hu għal żball evidenti bħal dan ta' min kien responsabbli mill-pubblikazjoni ta' dan l-Avviz Legali.*

*Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi tiddikjara li t-taxxa kontestata tad-drittijiet dovuti lir-rikorrent avukat Dottor Carmelo Galea inħadmet korrettement, u konsegwentement tiċħad it-talba sabiex terġa' tinħadem din it-taxxa.*

*Bl-ispejjeż tad-deċiżjoni preliminari tad-19 ta' Novembru 2010 ikunu ghall-intimati konjigi Zeitlin, u dawk tad-deċiżjoni preżenti għar-rikorrenti.*

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta' Joe Cauchi Development Limited u l-Avukat Dr. Carmelo Galea datat 6 ta' Lulju 2011 fejn talbu lill-Qorti sabiex jogghobha tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilqa' t-talibet

taghhom fbl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati jew min minnhom.

Rat ir-risposta tar-Registratur tal-Qrati (Ghawdex) datat 9 ta’ Awwissu 2011 fejn talbu lill-Qorti biex tichad in toto l-appell tar-rikorrenti bhala nfondat fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess rikorrenti.

Rat ir-risposta ta’ Bruce u Akiko Zeitlin datat 18 ta’ Novembru 2011 fejn talbu lill-Qorti sabiex tichad dan ir-rikors tal-appell bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghas-smigh ghat-18 ta’ Jannar 2012 fejn id-difensuri tal-partijiet trattaw il-kaz u l-appell gie differit ghas-sentenza ghall-21 ta’ Marzu 2012.

Rat l-atti kollha relattivi.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li la darba t-tariffa hija indikata, l-Qorti ma setghatx u ma ghandhiex il-kompitu li tikkoregi zball li allegatament sar mil-legislatur ghaliex l-Qorti ghandha tapplika l-ligi kif inhi; lanqas l-istess gudikant ma ghandu jiddeciedi jekk ligi hijiex gusta jew le, b’dan li jekk hemm xi zbalji sta ghal-legislatur li jirranga l-istess u mhux ghall- gudikant.

Illi fil-verita’, kif jirrizulta mid-decizjoni nnifisha, u wkoll mir-risposta tal-appellati li **paragrafu 13 tat-Tariffa E tal-Kap. 12** kien jipprovdi li *“ ........(ii) dwar kull valur ‘il fuq mill-ewwel 1,164,69 Euro sa 23,293.73 Euro ghal kull 100 Euro ..........6.99 Euro”* u ghalhekk din il-Qorti thoss li minghajr ebda dubju dak li qed isostnu l-appellanti huwa legalment korrett, u d-dritt tal-avukat ghandu jigi intaxxat skont l-istess tariffa; il-fatt li dan jirrizulta li huwa zball legislattiv u jidher li dan huwa l-unika kaz li tqajjem, ma jfissirx li tali tariffa ma ghandhiex tigi applikata, ghaliex dik hija l-ligi, u l-Qorti hija marbuta li tapplika l-ligi, anke fil-

kuntest tat-talba kif maghmula. Kull argument iehor huwa superflu, u l-istess zball jista' jigi remedjat b'intervent legislativ.

Illi fil-fatt din it-tariffa jidher li issa nbidlet taht il-provedimenti tal-**Statute Law Revision Act 1980** skont id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 4 (1) (k)** tal-istess, fejn il-Kummissjoni hemm appuntata ghandha l-poter *"to make any addition, omission, or alteration which is consequential to any amendment, to any statute law or provision".* Izda tali emenda maghmula b'dan il-mod tigi in vigore biss skont l-**artikolu 8** ta' l-istess Att tal-1980 mid-data li l-Ministru koncernat b'avviz jappunta, u certament din l-emenda sabiex jigi rrangat dan l-izball dahlet fis-sehh biss wara li saret din il-kawza u biss ricentement.

Mela allura l-appell odjern qed jigi milqugh fis-sens li r-Registratur tal-Qorti ghandu jintaxxa d-dritt tal-avukat skont kif kienet it-tariffa relattiva citata fir-rikors tal-appellanti datat 18 ta' Gunju 2010 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri) u b'hekk id-decizjoni tal-istess Qorti qed tigi revokata ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li din il-Qorti tichad r-risposta tal-appell tal-appellati Bruce Zeitlin et datata 18 ta' Novembru 2011 u r-risposta tar-Registratur tal-Qrati (Ghawdex) datata 9 ta' Awwissu 2011 biss in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-appell kif kontenut fir-rikors tal-appell tal-appellanti Joe Cauchi Development Limited u l-Avukat Dottor Carmelo Galea datat 6 ta' Lulju 2011 fis-sens li qed tigi hawn revokata d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Guridizzjoni Inferjuri) fl-ismijiet "Joe Cauchi Development Limited et vs Registratur tal-Qorti" tas-17 ta' Gunju 2011 (Rikors Numru 29/2004/PC) fis-sens li din il-Qorti qed tordna lir-Registatur jintaxxa id-dritt tal-avukat appellanti fit-termini tal-paragrafu 13 tat-**

**Tariffa E tal-Kap. 12 kif kontenuta fir-rikors tieghu tat-18 ta’ Gunju 2010.**

**Bl-ispejjez taz-zewgt istanzi kontra l-appellati.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------